MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2006

Numru. 490/2002

PULIZIJA
SPETTUR JOSEPH AGIUS
VS
REMIGIO SACCO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Remigio Sacco, ta’ 53 sena, bin Remigio u Leonarda nee’ Farrugia, imwieled Kirkop nhar il-5 ta’ Gunju 1948, u residenti Remgrace, Triq il-Fieres, Kirkop, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 545248(M), u akkuzat talli nhar il-15 ta’ Settembru 2001, ghal habta tal-17.50hrs, f’Hal Kirkop, limiti ta’ Persia, volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, fuq arma tan-nar (senter) tal-marka Luigi Franchi, tal-marka Black Magic, bin-numru tar-registrazzjoni T 15757, liema hsara tiskorri il-hamsin Lira Maltin (Lm50), izda mhux il-hames mitt Lira Maltin (Lm500), ghad-dannu ta’ Roderick Sacco

minn Hal Safi, bi ksur tal-Artikolu 325(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U akkuzat ukoll li fl-istess jum, hin u cirkostanzi zamm strument li jaqta’ u bil-ponta minghajr licenzja mill-Pulizija, u biha hedded lil Roderick Sacco bi ksur tal-Ordinanza tal-Armi, Kap 66 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U akkuzat ukoll talli fl-istess cirkostanzi, bhal hsieb li jisraq jew jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biex jezercita’ jedd li jippretendi li ghandu gieghel, bl-awtorita’ tieghu nnifsu, fixkel lil Roderick Sacco, fil-pussess ta’ hwejgu jew indahal fi hwejjeg haddiehor, bi ksur tal-Artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b’ghajjat, glied u dagha fil-pubbliku, bi ksur tal-Artikoli 338(dd) u 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, hin u cirkostanzi hebb ghal Roderick Sacco biex jingurjah, idejjqu jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor, bi ksur tal-Artikolu 339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli sar recidiv b’sentenza datata 3 ta’ Marzu 2000, moghtija mill-Magistrat Dr Abigail Lofaro LL.D.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 4) u tal-imputat (a fol 7) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-kwerelant Sacco tas-17 ta’ Jannar 2005.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-imputat tat-8 ta’ Frar 2005.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, l-Ispettur Joseph Agius, a fol 9 sa 13, jirrizulta illi fil-15 ta’ Settembru tal-2001, gie nfurmat minn PS 2 li sehhet glieda bejn xi ahwa Sacco fl-ghalqa ta’ Persia, fi Triq Valletta, Hal Kirkop. Spettur Agius xehed illi hemm kwistjoni antika bejn il-membri tal-familja Sacco dwar bicca art jew ghalqa li f’xi zmien kienet f’idejn ommhom, llum mejta, Leonarda Sacco, u li l-membri tal-familja Sacco kollha, kienu jippretendu li hija taghhom, u jiprojbixxu lill-membri l-ohra milli jidhlu fiha. Filfatt l-Ispettur Agius xehed illi qamet tilwima bejn Remigio Sacco u n-neputi tieghu Roderick Sacco, bil-kwerelant Roderick Sacco jallega li Remigio heddu b’sikkina, waqt illi l-imputat Remigio Sacco allega li Roderick ippuntalu s-senter fid-direzzjoni tieghu.

Spettur Agius xehed illi l-imputat Remigio Sacco allega li hu mar ikellem lil Roderick biex jghidlu biex ma joqghodx jaqliblu xi tankijiet, u li dan Roderick beda jaqbad il-maskan u l-gebel u jwaddabhomlu. Minn naha tieghu, Roderick allega illi l-imputat mar ghalih b’sikkina, inqalghet glieda, fejn Remigio u Roderick bdew jissieltu ghas-senter li kellu Roderick f’idejh, u li f’hin minnhom, dan is-senter inxtehet fil-barriera mill-imputat, u gie distrutt totalment.

L-istqarrija tal-imputat Remigio Sacco giet esebita u mmarkata bhala dokument JA u tinstab a fol 6 tal-process.

In kontro ezami, l-Ispettur Agius ikkonferma illi l-verzjoni tal-imputat kienet illi Roderick Sacco kellu senter f’idejh, ta xi daqqiet bil-kanna lill-imputat, u li l-imputat **‘hass il-kanna tahraq u hargu zewg tiri.’** (ara fol 9). L-Ufficjal Prosekutur ikkonferma wkoll illi l-imputat kien qallu illi s-senter spicca fil-barriera ghaliex l-imputat qabdu u ramih biex ma jintuzax minn Roderick. L-Ufficjal Prosekutur ikkonferma illi Roderick Sacco gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati u li ghamel obbligazzjoni li ma jkellimx lill-imputat fuq dan l-istess incident.

Ex WPC 133 Maria D'Amato, a fol 14 et seq, ikkonfermat illi kien dahal l-imputat, flimkien mat-tifel tieghu Michael, biex jirrapurtaw incident li nqala' fl-ghalqa ta' Hal Kirkop. Illi sakemm l-imputat kien qed jinforma lis-Surgent b'dak illi gara, dahlu l-kwerelant u missieru u xi kugin, u bdew jilletikaw fl-ghassa. WPC 133 ikkonfermat illi l-kugin u Nardu, hu l-imputat, ma kinux involuti f'din il-glieda. Infatti, WPC 133 tghid testwalment hekk:

**'Eventwalment min dahal l-ahhar dahal irrankat, jien ghamilthielu cara sabiex johrog barra sakemm niehu xi ftit punti kif gara l-incident.'**

WPC 133 ikkonfermat illi ma kienx l-imputat illi beda l-glieda fl-ghassa tal-Pulizija.

PS 2 Martin Bugeja, a fol 18 et seq, ikkonferma illi l-imputat Remigio Sacco kien dahal l-ghassa taz-Zurrieq biex jirraporta glieda li kienet inqalghet fl-ghalqa taghhom, Hal Kirkop, bejnu u bejn Roderick Sacco li jigi neputih **'din evolviet billi bdew iwaddbu l-gebel lil xulxin u kien hemm theddid u kliem u glied u anke armi, dahlu s-snieter…'.**

Is-Surgent ikkonferma illi kif dahal hu l-ghassa, kienu gew il-kwerelanti u xi membri tal-familja tieghu u nqalghet glieda l-ghassa wkoll. **Is-Surgent ikkonferma illi ma ra l-ebda feriti fuq ebda persuna nvoluta.** PS 2 ikkonferma illi kellem lill-imputat u li dan qallu li Roderick Sacco kellu senter f'idejh u li l-imputat kien hatafulu minn idejh, u li dan ghamlu sabiex ma jisparax fuqu (fuq l-imputat) (ara xhieda a fol 20).

PS 2 esebixxa dokument B, l-okkorrenza ta' dan l-incident.

Roderick Sacco, a fol 22 et seq, xehed illi huwa kien ghall-affari tieghu bis-senter mal-hajt, fl-ghalqa ta' nanntu, meta f'daqqa wahda hareg l-imputat Remigio Sacco u beda jallega illi Roderick Sacco kien ressaqlu xi knaten li kienu mal-hajt. Roderick innega li kien ghamel dan u fil-pront jghid illi l-imputat beda joffendih u jghajjru b'ommu:

**‘jien ghal dan il-kliem ma qadtx, hallejt is-senter mal-hajt u mort ghalih b’idejja, imbaghad x’hin ersaqt lejn il-vicinanzi tieghu, hataf is-senter hu u ppuntah lejn sidri.’**

Roderick Sacco kkonferma illi x’hin ra hekk, huwa hataf gebla minn mal-hajt u waddabhielu. Illi fil-pront, l-imputat Remigio Sacco hareg sikkina kbira (u mhux mus li wiehed jiekol bih), u li ghalhekk, Roderick Sacco beza’ u resaq lura u qabad is-senter tieghu li kien halla iktar ‘l isfel fl-ghassa:

**‘fil-pront inqala’ t-tifel tieghu Michael, beda joffendini u spara zewg tiri ghal gol-hamrija, u habtu nikkalkula xi hamsa u ghoxrin metru quddiemi gol-hamrija fid-direzzjoni tieghi. Fil-pront gie Remigio minn warajja, hatafli s-senter u ramihuli ghal gol-barriera ta’ ma’ genbna, is-sikkina kienet ghadha f’idu.’**

Roderick Sacco xehed illi meta waslu l-ghassa jaghmlu r-rapport, sab li l-imputat u t-tifel Michael kienu diga’ qeghdin l-ghassa, u li dawn qabdu jghajjruhom u jxejjru bil-ponn, u li huma kellhom jiddefendu ruhhom. Imbaghad intervjenew il-Pulizija. In kontro ezami, Sacco xehed illi l-imputat kien hareg ghalih meta Roderick kien qieghed l-ghalqa ghall-affari tieghu minghajr ma’ huwa (Roderick) ma ghajjru jew kellmu. Xehed ukoll illi Dimitri ra l-incident kollu ghaliex huwa kien tiela’ ghal gol-ghalqa, fil-hin illi l-imputat hareg ghalih (Roderick). Roderick Sacco kkonferma illi Dimitri huwa kugin tieghu u tal-imputat. Roderick Sacco xehed illi ma jafx illi l-imputat huwa bniedem handikappat ghax izappap. Roderick ikkonferma illi s-senter tieghu hallih mal-hajt, u li kien l-imputat Remigio Sacco li kellu s-senter f’idejh u li ppuntah lejn sidru, u li huwa, biex jiddefendi ruhu, hataf gebla u waddabhielu pero’ ma laqtux.

Roderick Sacco kkonferma wkoll illi l-imputat tefa’ s-senter tieghu mal-art u gie jigri ghal warajh bis-sikkina, waqt illi huwa gera biex jigbor is-senter tieghu li kien halla mal-hajt. Roderick xehed illi meta huwa qabad is-senter f’idejh,

inqala’ Michael, beda joffendih u spara zewg tiri fil-hamrija. Wara dan, Remigio gie minn warajh, hataflu s-senter u ramih fil-barriera, u li kellu s-sikkina f’idejh. A fol 33, Roderick jghid is-segwenti:

**‘Haduli (s-senter) malajr, jien miniex tip ta’ bniedem tal-glied, haduli b’idejh wahda.’**

Roderick Sacco xehed illi huwa kien mar ghall-imputat b’idejh u halla s-senter mal-hajt (ara fol 36).

Michael Sacco, a fol 38, it-tifel tal-imputat, xehed illi huwa kien prezenti fl-ghalqa ta’ Persia, u sema’ tilwim bejn missieru u persuna ohra dwar xi tankijiet li kienu qed jitwaddbu f’nofs l-ghalqa, ra lil Roderick iwaddab gebla u joffendi lil missieru b’ommu li kienet ghadha kemm mietet, ra lil Roderick jigri ghas-senter u missieru jigri warajh. Michael Sacco xehed illi Roderick kien lahaq qabad is-senter minn mal-hajt **‘rajtu jxejjirlu daqqa u laqtu hawn bil-kanna lil missieri, u sadanittant qabdu f’xulxin, nisma’ zewg tiri…gibidlu gibda s-senter hekk, u tefaghhulu fil-barriera.’** (ara xhieda a fol 40).

Michael Sacco xehed illi minn hemmhekk huma marru l-ghassa, u anke fl-ghassa, il-kwerelanti hebbew ghalihom. Michael Sacco nnega li huwa spara xi ‘warning shots’ fid-direzzjoni ta’ Roderick Sacco. Michael Sacco kkonferma illi Dimitri **‘beda jaqbez u jiftah idejh hekk u jghid ‘aqtghuha, aqtghuha’’,** u li kien qed jipprova jferraq (ara xhieda a fol 44).

Michael Sacco xehed illi meta ra lil missieru u lill-kwerelant jissaraw ghas-senter, ma felah jaghmel xejn.

Brigadier Maurice Calleja u PS 637 Joseph Bonello kkonfermaw ir-relazzjoni taghhom a fol 9 tal-process verbal anness ma’ dawn l-atti, fejn ikkonferma illi l-hsara fuq is-senter tal-kwerelant kienet hsara irreparabbli.

Perit Valerio Schembri kkonferma r-relazzjoni tieghu a fol 67 et seq tal-process verbal anness ma’ dawn l-atti.

Dimitri Zammit, a fol 58 et seq, xehed illi huwa jigi kemm mill-imputat kif ukoll mill-kwerelant, u li dakinhar huwa kien sejjer lejn l-ghalqa ta’ nanntu, u ra lil Roderick u Remigio Sacco jiggieldu bil-paroli:

**‘imbaghad qishom ikkwitaw u Remigio dahal u Roderick kien sejjer lura. Imbaghad ersaqt dak il-hin u hareg Remigio u offendih b’ommu u hekk u kien sejjer ghalih, u Roderick dak il-hin waddablu gebla u fl-istess hin gie Michael, it-tifel ta’ Remigio, spara zewg tiri mal-art, ghajjatt x’hin spara mal-art. Dak il-hin harist lejh jiena u nara l-hamrija ttir. Fil-pront nara liz-ziju Remig hiereg bis-sikkina u s-senter ma nafx x’sar minnu jigifieri.’ (ara xhieda a fol 59 u 60).**

Dimitri Zammit xehed illi Roderick telaq jigri u ra lill-imputat jarmi s-senter ta’ Roderick fil-barriera. Dimitri xehed, a fol 65, illi fil-hin illi gew sparati t-tiri, **‘ma kienx hemm snieter ghax is-senter ta’ Roderick kien mal-hajt u s-senter ta’ Remig kien fejn it-tankijiet’**.

Analise Bonnici, a fol 70, ikkonfermat illi hija gharusa ta’ Roderick Sacco u li fil-15 ta’ Novembru 2001, hija kienet dahlet fl-ghalqa bil-karozza, rat lil Roderick u Dimitri hergin ‘l barra jigru, u li Roderick qalilha **‘igri ‘l barra, igri ‘l barra ghaliex Remig u Michael hergin ‘l barra bis-senter,’** u li hi semghethom jghidu ‘**nisparaw ghalik’**. (ara fol 71).

PS 881 Charles Grech ikkonferma r-relazzjoni tieghu a fol 19 tal-process verbal.

Roderick Sacco, a fol 78, ikkonferma illi s-senter tieghu llum il-gurnata jiswa’ fuq il-mitejn Lira Maltin (Lm200) u li kien xtrah ghall-prezz ta’ tlett mija u hamsa u sebghin Lira Maltin (Lm375).

A fol 81 et seq, Dimitri Zammit ta spjegazzjoni ta’ kif Roderick kien qed izomm is-senter. A fol 85, Dimitri kkonferma illi Roderick Sacco ma kien qed jipponta s-senter lejn hadd. Giet moqrija x-xhieda li Dimitri Zammit ta

fil-process verbal, a fol 37, fejn Dimitri Zammit kien qal testwalment is-segwenti:

**‘Roderick Sacco qabad is-senter tieghu waqt illi beda miexi lura. Is-senter zammu ppuntat lejn Remigio Sacco. Remigio Sacco baqa’ jiggieled u resaq lejn Roderick Sacco, tant li f’hin minnhom qabad is-senter ta’ Roderick Sacco. Is-senter kien dejjem immirat ‘l fuq, u l-ahhar kien Remigio Sacco li ha s-senter u tefghu fil-barriera vicin.’ (ara fol 89).**

L-imputat Remigio Sacco, a fol 93 et seq, ikkonferma l-istqarrija tieghu, fejn huwa sostna illi kien mar ikellem lil Roderick Sacco biex iwissih biex ma jwaqqaghlux it-tankijiet fl-ghalqa. Illi dan beda jkellmu hazin, beda joffendih b’ommu. Illi Roderick resaq lejh u beda jwaddablu l-maskan. L-imputat stqarr illi huwa kellu senter f’idu pero’ dan ma kienx ikkargat. Ftit wara, gie Dimitri u hu u Roderick gew jigru fid-direzzjoni tieghu. Huwa telaq is-senter minn idejh u Roderick mar jigri ghas-senter. Illi meta ra hekk, l-imputat stqarr illi huwa mar warajh ghax beza’ li Roderick se jispara ghal fuqu. L-imputat ikkonferma li hemm tilwim bejn il-membri tal-familja tieghu. l-imputat stqarr illi Roderick qabad f’idu s-senter u tah daqqa bil-kanna tieghu f’wiccu. Hu ddefenda ruhu u hataflu s-senter minn idejh:

**‘kif htaftlu s-senter huwa rega’ ghal darbtejn ipponta s-senter lejn zaqqi. Jien hawn bdejt nissielet mieghu biex niddefendi ruhi billi nehodlu s-senter minn idejh, u waqt li konna qed nissieltu, hargu zewg tiri izda ma ntlaqat hadd.’**

Illi Roderick minn hemmhekk telaq is-senter minn idu u l-imputat kien pront ramihulu fil-barriera.  Illi ftit wara fegg ibnu Michael illi pero’ fl-ebda hin ma ndahal fil-glieda. Illi waqt li kienu fl-ghassa jaghmlu r-rapport, gew Roderick, Dimitri u Nardu illi jigu hu l-imputat Remigio Sacco, u fl-ghassa tal-Pulizija, regghu hebbew ghalih u ghal ibnu Michael. L-imputat xehed illi Dimitri kien qed jipprova biss iferraq.

Illi jirrizulta illi skond ix-xhieda tal-imputat, hemm tilwima fuq l-art li halliet ommu (xi ghoxrin tomna), ma' huh Nardu li jigi missier Roderick, ghaliex l-imputat kien jahdem tomnejn minn dan ir-raba', u ghal dan kien joggezzjona huh Nardu, pero' ebda wiehed minn hutu l-ohra ma kellhom oggezzjoni. A fol 97, l-imputat stqarr testwalment hekk:

**'Is-senter jien l-intenzjoni tieghi hadtulu, tahuli mhux hadtulu ghax jien miniex kapaci nehodlu s-senter minn idejh dak. Dak kif sema' t-tiri bhalma smajthom jiena, u hassejt il-kanna tahraq f'idejja, l-intenzjoni tieghi li niddefendi lili nnifsi ghax ser joqtolni dan.'**

In kontro ezami, a fol 110 et seq, l-imputat xehed illi huwa ma kellux inkwiet ma' Dimitri Zammit qabel il-glieda mertu ta' l-akkuza u meta dan tefaghlu z-zejt fil-vaska fejn kellu l-papri.

Ikkunsidrat:-

Illi l-protagonisti f'dan il-kaz taw xhieda illi hija dijatrikament opposta ghal xulxin, tant illi difficli li wiehed jimagina, jekk isegwi l-verzjonijiet moghtija mill-kwerelant u mill-imputat, li wiehed qed jitkellem fuq l-istess incident.

Illi l-Qorti rat u ezaminat ix-xhieda kollha tal-process, b'mod specjali ghax-xhieda li nghatat fl-inkjesta, u hi tal-fehma illi x-xhieda ta' Dimitri Zammit fl-inkjesta (ara fol 37), hija rendikont fidil ta' dak illi filfatt gara, u dan wara li din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-gwidi delinejati fl-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk, din il-Qorti hi tal-fehma illi f'dan il-kaz, l-aggressjoni kienet giet indirizzata mill-imputat u mhux mill-kwerelant, u li l-kwerelant kien filfatt qed jipprova biss jiddefendi lilu nnifsu.

Irid jinghad ukoll illi fil-mori tal-kawza, il-partijiet kienu gew vicin hafna ghal rinunzja ta' kull azzjoni kriminali li kienet rinunzjabbli, u li l-kwerelant kien qed jippretendi biss

kumpens ghas-senter illi safa hsara irriparabbli, izda l-imputat bl-ebda mod ma accetta din il-proposta ghall-hlas.

Illi f'dan l-isfond, din il-Qorti, wara li fliet bir-reqqa t-trattazzjoni tal-Avukati Difensuri tal-imputat, ma tistax tikkondividi mal-istess ghal dak li jirrigwardja d-difiza ta' 'self-defence' sollevata mill-imputat, kemm fit-trattazzjoni u kif ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet (ara fol 139).

Illi ghaldaqstant, din il-Qorti ssib lill-imputat Remigio Sacco hati tal-ewwel u t-tieni akkuza, mhux hati mit-tielet akkuza stante li ma tirrizultax pruvata, hati tar-raba' u l-hames akkuza, mhux hati tar-ricediva stante illi ma gietx ippruvata skond il-ligi, u wara li rat l-Artikoli 325(c), 338(dd), 339(d)(e) u 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artiklu 3 tal-Kap 66 kif emendat taht il-Kap 480, tikkundannah ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn. In oltre, tiskwalifikah mill-licenzja ghal zamma ta' arma tan-nar ghal perjodu ta' sentejn.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------